MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Numru. 16/1996

**Il-Pulizija**
**(Spettur Neil Harrison)**
**vs**
**Anthony Abela**
**Joseph Camilleri**

**Il-Qorti;**

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati hemm msemmija u dan talli f'dawn il-Gzejjer fid-29 ta' Novembru, 1995 u fl-ahhar xhur qabel dina d-data

a) kellhom fil-pussess taghhom id-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligjiet ta' Malta, meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-raba' (4) u s-sitt (6) taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra

awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom droga fil-pussess taghhom u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksir tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghhom.

b) kellhom fil-pussess taghhom Medicina Perikoluza u Psikotropika meta ma kienux awtorizzati kif imiss bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement ammendat u 35B u 89A u t-tielet skeda tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonisti li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif ammendat.

c) kellhom fil-pussess taghhom d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza Dwar il-Medicina Perikoluza Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta, li jkollhom d-droga fil-pussess taghhom, u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi skur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi, (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hi mitluba sabiex barra milli tapplika l-pieni skont il-ligi, tordna lill-imsemmija Anthony Abela u Joseph Camilleri, sabiex ihallsu l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu

mal-hatra tal-esperti, skont l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordnijiet tal-Avukat Generali (fol 15 u 18 ibid) u li bihom ordna li l-imputati skond l-Artikolu 120 A tal-Kapitlu 31 tal-Ligijiet ta' Malta jersqu quddiem il-Qorti Kriminali.

Rat l-Ordnjiet tal-Avukat Generali (fol 16 u fol 17) sabiex l-istess imputati, skond l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jitressqu quddiem il-Qorti Kriminali.

Rat il-kontro ordni mahrug mill-Avukat Generali fil-konfront taz-zewg akkuzati sabiex dan il-kaz jigi prezentat quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (fol 543 u fol 544 tal-atti)

Semghet lill akkuzati minn jeddhom kif ukoll il-provi prodotti minnhom.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ufficjal prosekutur xehed dwar l-investigazzjoni ta' dan il-kaz (fol 10 u fol 234 et seq ibid) u spjega li l-Pulizija rceviet informazzjoni li z-zewg akkuzati kienu involuti fi traffikar ta' droga fuq Manoel Island f'post hemm hekk frekwentat minnhom, fil-ponta ta' din il-gzira li thares lejn tas-Sliema. F'dan il-post hemm kamra u ghalqa mdawwra b'hajt u maghmul minn 'wiring'. Ghalhekk kien ta struzzjonijiet lil PC 579 Antoine Micallef sabiex josserva dan il-post fid-dati tal-14 u l-15 ta' Novembru 1995, fl-24 ta' Novembru, 1995 u bejn is-27 u d-29 ta' Novembru 1995. L-istess pulizija kien qed juza 'video camera'. F'okkazzjoni wahda kien hemm ukoll PC 1221 Pierre Attard. Dwar dan, l-istess xhud annetta mal-atti zewg 'video tapes' li gew rekordjati waqt l-istess osservazzjoni u li huma kopja maghmula mill-original li jinsab fil-pussess tax-xhud (ara fol 234 dwar l-original esebit). Dwar dan a fol 140 et seq ibid, jinsabu annessi zewg faxxikoli ta' ritratti zviluppati mill-istess 'video tapes', b'kollox tmienja u erbghin (48) ritratt bil-kulur.

Hawn hekk ix-xhud ghamel riferenza specjali ghar-ritratt numru tnejn (2) meta qal li fuq dan wiehed jista` jara lil akkuzat Joseph Camilleri diehel minn wara fl-istess post fejn hemm fetha. Xi ftit minuti wara, dan l-akkuzat kien gie osservat ' … ghal xi ftit minuti, jqalleb fil-baxx, wara sigra tac-cipress' (ara r-ritratti enumerati minn numru tlieta (3) sa numru tmienja (8)). Fil-fatt dan l-akkuzat hareg xi haga minn dan il-post deskritt bhala 'flixkun tal-kafe bit-tapp'. Fir-ritratti numru hdax (11) u tlettax (13), l-istess akkuzat jidher li qed idahhal idu wara gebla u jigbor bott ta' kulur isfar, ahmar u blu. Sussegwentement fir-ritratt numru 15 dejjem l-istess akkuzat jidher li qed idahhal idu wara cint baxx waqt li fir-ritratt numru tmintax (18), dan l-akkuzat qed jirritorna fil-kamra bi fliexkun tal-hgieg kontinenti likwidu abjad in-naha t'isfel. F'dak enumerat ghoxrin (20), dan l-akkuzat jidher li hu niezel mill-istess kamra u sejjer lura lejn ic-cint imsemmi u jpoggi lura fejn kien l-ahhar oggett li ssemma'.

Fid-29 ta' Novembru 1995, gie deciz li jsir 'raid' fil-post. Hemm hekk gie osservat ghall-habta ta' 12.35, illi kien wasal l-akkuzat l-iehor u dan dam fil-post xi hmistax -il minuta, Kif wasal, mar il-post ta' Manoel Island u ltaqa mal-akkuzat Joseph Camilleri u dawn flimkien marru lura fil-post involut u wara xi hmistax -il minuta hargu u saqu 'l barra u hemm hekk gew intercettati mill-pulizija u fuqhom instabu zewg telefons cellulari wiehed kull wiehed ( l-annessi Dok NH 3 u Dok NH 6), mus (Dok NH 4) kif ukoll mitejn u tnejn u hamsin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (LM252.55) bhala flus fil-pussess tal-akkuzat Camilleri waqt li mill-pussess tal-akkuzat l-iehor gew elevati tlett mija u sitta u tmenin liri Maltin (LM386) fi flus kontanti.

Hawn hekk il-pulizija dahlu fil-post mal-akkuzati, wara li tnehhew zewgt iklieb bl-ghajnuna tal-akkuzat Abela. It-tfittxija fil-fatt saret fil-prezenza biss ta' Anthony Abela peress li l-akkuzat l-iehor ittiehed l-hemm sabiex issir tfittxiha fir-residenza tieghu. Dwar il-post, dan hu mdawwar kollu izda lejn it-triq hemm bieb li jista` jinfetah facilment billi wiehed jista` jdahhal idu minn toqba fl-istess

bieb. Fuq ix-xellug tinsab il-kamra u wara li tinzel xi targiet tinsab l-ghalqa msemmija.

It-tfittxija bdiet fejn kien hemm 'kennels' deskritti bhala 'kmamar baxxi'. Hemm hekk instab kontenitur ta' cereali kontenenti mizien zghir kif ukoll bicciet ta' karti. In oltre instab fliexkun tal-hgieg zghir bhal dawk tal-kafe' u kontenenti '… qisha gebla bajda' aktarx kokaina (ara dak li intqal 'supra' in rigward ir-ritratt numru hmistax (15)). Dan il-fliexkun instab wara c-cint gja msemmi u kollox gie elevat. Wara t-tfittxija fil-kamra, t-tfittxija kompliet fl-ghalqa vicin sigra tac-cipress b'ohra tal-palma marbuta maghha u li ghaliha x-xhud kien diga irrefera ghaliha meta qal li l-akkuzat Camilleri gie osservat jitbaxxa, kien hemm cint baxx tas-sejjieh u wara li nqalghu erba` gebliet, instab vazett tal-hgieg tal-kafe` li go fih kellu pakketti zghar kontenenti pilloli bojod (ara ritratti numru 45 u 46). Ftit aktar l-isfel instabet landa taz-zebgha zghira taht gebla b'go fiha '… bicciet tal-gebel zghir' aktarx kokaina.

Mit-tfittxija li saret fir-residenza tal-akkuzat Camilleri, ma kien instab xejn waqt li f'dik li saret fir-residenza u garage tal-akkuzat l-iehor gew elevati diversi karti kif ukoll apparat iehor cellulari (Dok NH 9 u Dok NH 10)

Illi kif jidher mill-atti, xehedu l-pulizija kollha li hadu parti fl-osservazzjoni tal-post kif ukoll fir-'raid' u fit-tfittxija li saret fl-istess post u postijiet ohrajn. Dawn fis-sustanza ikkonfermaw dak li qal l-ufficjal prosekutur u ghalhekk m'hemmx il-htiega ta' riassunt ta' kif xehedu dawn (ara pero in-notamenti esebiti in atti a fol 283 fit-tieni volum).

**Ikkunsidrat**

Illi waqt l-inkjesta gew nominati diversi esperti konfermati minn din il-Qorti . L-espert forensiku Dottor Anthony Abela Medici (fol 176 et seq ibid) ikkonferma li a fol 17 tal-'process verbal' tinsab ir-relazzjoni sottomessa minnu . fil-'konkluzjoni' , dan l-espert wara li ghamel l-analizajiet relatttivi, issottometta illi f'dak elevat mill-post, kif spjegat fuq, instabet evidenza ta' kokaina f'ammont nett ta' 155.9344 grammi bil-persentagg ta' purita stabbilit f'88.2%

bhala medja u tal-istess droga fuq borza safra fi tracci. In oltre nstabet evidenza ta' eroina fi tracci fuq 'flick knife' u ta' zerriegha ta 'cannabis' li ma iggerminatx. In oltre kien hemm hames mija u hamsin (550) pillola ta' 'MDMA' u erbatax (14) -il pillola diazepam (ara dwar dak fil-process ir-ritratti annessi mal-istess relazzjoni a fol 76 u a fol 78 u a fol 80 u fol 94 sa fol 101) (ara wkoll ix-xhieda ta' Albert Spiteri a fol 334 et seq ibid – tieni volum, Godfrey Ellul a fol 289 u Joseph Sacco fol 292).

Illi a fol 196 et seq ibid hemm faxxikolu ta' ritratti mehudin mill-ufficjal tax-xena tar-reat PC 1261 Charles Pace li juru l-post inkwestjoni fuq Manoel Island u fuqhom jidhru dawk il-postijiet li semma l-Ufficjal Prosekutur fix-xhieda tieghu u li fihom instabu d-dokumenti elevati u analizzati.

Illi jigi nnotat illi PC 856 Andrew Caruana wiehed mill-esperti nominati fl-inkjesta u kkonfermat f'dawn il-proceduri ma setax jespleta l-inkarigu moghti lilu dwar ezami tad-dokumenti elevati inkonessjoni ma' impronti minhabba dak dikjarat minn dan l-espert a fol 103 ibid u skond kif hemm fix-xhieda tieghu a fol 231 et seq ibid fit-tieni volum (ara "infra").

**Ikkunsidrat**

Illi Paul Borg (fol 368 et seq ibid) koummercjant spjega li Joseph Camilleri kien xtara 'bag sealer' tal-marka indikata fl-istess xhieda u dan kif rizultanti mid-dokument esebit minnu u mmarkat bhala Dok PB 1. Permezz ta' din il-magna wiehed jista` jissigilla boroz tal-plastic (ara r-ritratt enumerat 46 gja msemmi a fol 196 et seq ibid kif ukoll fol 373 ibid)

**Ikkunsidrat**

Illi Michael Darmanin (fol 374) xehed dwar it-telefons cellulari elevati mill-pussess tal-akkuzati u fuq min huma registrati dawn.

**Ikkunsidrat**

Illi kif diga inghad, sa dan l-istadju tal-provi ma kienux gew elevati impronti minn fuq l-oggetti elevati izda dan l-ezercizzju sar kif jidher mix-xhieda ta' PC 856 Andrew Caruana. Pero kif jirrizulta mir-relazzjoni ta' Joseph Bongailas a fol 531 et seq ibid, l-ezamijiet komparattivi mal-impronti tal-akkuzati ma setghux isiru minhabba nuqqas ta' punti karatteristici (ara fol 529 ibid).

**Ikkunsidrat**

Illi waqt ir-'raid' tal-pulizija fuq Manoel Island, hemm gew mwaqqfin mill-istess pulizija, tlieta minn nies fuq barra u f’karozza kif din kienet diehla fuq l-istess gzira ftit wara l-pont. Dawn kienu George Spacey (fol 408 et seq ibid), Joseph Sacco (fol 424 et seq ibid), u Godfrey Ellul (fol 413 u fol 495 et seq ibid). Dan tal-ahhar instab li kellu fil-pussess tieghu kwantita zghira ta' kokaina u ta' dan kien suggett ghall-proceduri kriminali relattivi.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li sar riassunt tal-provi l-aktar relevanti ghal dan il-kaz da parti tal-prosekuzzjoni, l-ewwel akkuzat li pproduca l-provi tieghu kien Anthony Abela. Dan xehed (fol 630 et seq ibid) minnufih li hu '… m'ghandi x'naqsam xejn, xejn affattu' in rigward l-akkuzi in ezami. Hu kompla jghid illi l-post involut '… kien ta' kullhadd u ma hu ta' hadd' l-istess post hu facilment accessibli ghal kulhadd u hu gieli qatta' sighat fih anke sabiex jghum waqt li fix-xitwa imur jitma' l-hamiem u z-zewt iklieb li ssemmew.

Hawn hekk hu semma diversi persuni li kienu jiffrekwentaw l-istess post sabiex jghumu. Hemm nies skond hu jidhru whud minnhom fuq il-'videos' esebiti ezempju 'certu Jason'. Inoltre fl-istess 'videos', hu jidher darbtejn, darba diehel fil-kamra u darba ohra jitma' l-hamiem.

In kontro ezami hu sostna li kien ilu madwar sentejn jiffrekwenta l-post u juza wkoll il-kamra bhala kcina '… sabiex nghaddi l-hin tieghi'. Fl-ahhar okkazzjoni hu kien, qabel ma gie arrestat, mar fl-istess post sabiex jitma' l-

klieb. In oltre din kienet l-'... okkazzjoni wahda' meta hemm kien iltaqa` mal-ko-akkuzat. Fil-fatt hu kien hareg bil-mixi, minn hemm hekk sabiex jixtri halib u kif kien qed jirritorna lura ltaqa' mal-ko-akkuzat.

Dwar Godfrey Ellul, hu qal li kien jafu u dan kien cempillu sabiex l-akkuzat jixtri xi hwejjeg appartenenti lil missier l-istess Godfrey Ellul. Dwar dak li qal fuq ic-cellulari l-istess Godfrey Ellul cioe 'niltaqghu fil-post tas-soltu', l-akkuzat qal li kieku kien hu li wiegeb u mhux il-pulizija, kien jistaqsi '… fejn huwa l-post tas-soltu'.

Illi l-istess akkuzat sussegwentement ipproduca xhieda ta' nies li jiffrekwentaw l-istess post cioe Teresa Cutajar (fol 637 u fol 688 ibid), Lawrence Azzopardi (fol 639 et seq ibid), Alfred Magro (fol 641 et seq ibid).

**Ikkunsidrat**

Illi l-akkuzat Joseph Camilleri li da parti tieghu dam sabiex jipproduci provi kif jidher mid-diversi verbali in atti u dan ghal diversi ragunijiet, sa fl-ahhar xehed (fol 706 et seq ibid) spjega wkoll li l-post inkwestjoni kien iffrekwentat minn diversi nies ohrajn, fosthom il-ko-akkuzat. Gieli u l-akkuzat organizzaw ikliet b'numru ta' nies ohrajn. Hu kien imur fil-post xi darbtejn jew tlett darbiet fil-gimgha.

Fid-29 ta' Novembru, 1995 hu kien mar fih u wara li dam xi tlett kwarti hu, mal-ko-akkuzat kien gie mwaqqaf mill-pulizija meta kien hiereg bil-karozza. Hawn hekk hu gie mizmum barra l-stess post u minn fejn kien ma setax jara x'kien qed jigri in-naha ta' gewwa u fil-fatt ma kienx prezenti meta nstabet 'xi haga mill-pulizija'. Dwar droga hu cahad li kellu xi konnessjoni ma' din.

In oltre fil-post gieli saru xi ikliet anke bil-lejl u li fihom kien ikun hemm prezenti anke ghaxra minn nies. In oltre hu kien imur fl-istess post sabiex jitma' l-klieb. Dwar ir-ritratti fejn hu jidher kien qal '… jiena qatt ma missejt droga' u qatt ma kien ra l-oggetti li gew misjuba mill-pulizija waqt it-tfittxija b'mod specjali il-vazett isemmi li qatt ma kien rah, u l-bott taz-zebgha b'kokaina li dwaru ma kienx jaf

x'jikkontjeni. Mistoqsi l-ghala gie osservat mill-pulizija imur biss fil-postijiet fejn instabet il-kokaina u l-pilloli ecstacy, hu qal '… (jien) dawk l-affarijiet qatt ma rajthom' (ara wkoll l-istqarrija rilaxxata minnu a fol 172 et seq ibid).

**Ikkunsidrat**

Illi dawn huma l-provi kollha li ngabu a konjizzjoni tal-Qorti u a bazi taghhom u kif riassunti, l-istess Qorti se tiddeciedi il-kwestjoni ta' htija o meno taz-zewg akkuzati izda separatament kif se jinghad:-

a) Dwar Anthony Abela, gew ezaminati l-ewwel ir-ritratti esebiti waqt l-osservazzjoni li saret mill-pulizija u dan matul il-perjodu kollu specifikat mil-ispettur Neil Harrison. Fuq dawn ir-ritratti dan l-akkuzat fl-ebda hin ma jidher fuqhom. Fil-fatt dan l-akkuzat dahal fix-xena meta sar ir-'raid' mill-pulizija u hu nstab barra mill-post f'karozza flimkien mal-ko-akkuzat.

Fit-tieni lok ic-cellulari uzat minn dan l-akkuzat u li kien f'idejn wiehed mill-pulizija kien daqq u jidher li kien se jsir inkontru minn 'Toni' ma' certu Godfrey Ellul li gie fuq il-post u gie arrestat fuq barra. Dan tal-ahhar, li fil-pussess tieghu nstabet kwantita' minima ta' kokaina, xehed li dan l-inkontru kien jirreferi biss ghal bejgh ta' ilbies li kien jappartjeni lil missieru li kien miet.

Fit-tielet lok,ma rrizultax xi kollegament bejn id-droga u pilloli li nstabu fil-post.

Illi, a bazi tal-fatti kif esposti u meqjusa minn din il-Qorti, il-provi ma jistghux jigu konsiderati bhala sufficjenti sabiex dan l-akkuzat jista` jinstab hati tal-akkuzi kollha.

b) Dwar l-akkuzat Joseph Camilleri dan ma jistax jinghad. Fil-fatt, dejjem fil-konfront ta' dan l-akkuzat irrizulta li l-post inkwestjoni appartenenti lil Gvern, kien bhala fatt detenut u uzat minnu. L-istess akkuzat gie osservat mill-pulizija u fotografat fil-postijiet fejn kienu mohbijin kemm il-kokaina, kemm il-pilloli analizzati u li l-akkuzat rinfaccat b'dan il-fatt

ma ta' l-ebda spjegazzjoni krredibbli u sufficjenti sabiex jiggustifika l-movimenti u l-agir tieghu.

Ghalhekk f'dan il-kaz, l-akkuzat Joseph Camilleri ghandu jinstab hati tal-akkuzi kollha, wara li kkunsidrat li dak li nstab ma setax kien ghall-uzu personali tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li ssib lil Anthony Abela mhux hati tal-akkuzi u tilliberah minn kull akkuza, ssib lill-akkuzat Joseph Camilleri wahdu hati tal-akkuzi kollha u dan talli f'dawn il-Gzejjer fid-29 ta' Novembru 1995 u fl-ahhar xhur qabel din id-data:-

a) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligjiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-raba’ (4) u s-sitt (6) taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu droga fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksir tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

b) kellu fil-pussess tieghu Medicina Perikoluza u Psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement ammendat u 35B u 89A u t-tielet skeda tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonisti li ghandu x’jaqsam maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta l-artikolu 16 tal-Att numru V tal-1985 kif ammendat.

c) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza Dwar il-Medicina Perikoluza

Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta, li jkollu d-droga fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan skond ir-regolament 5(1) tal-Avviz Legali XXII tal-1985 kif emendat u l-artikolu 35B u 89A u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, l-artikolu 22(2) u 31 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-avviz legali 292/1939 kif emendat.

In rigward il-piena li ghandha tigi imposta fuq l-akkuzat Joseph Camilleri, wara li l-Qorti kkunsidrat l-ammont ta' droga u medicinali involuti kif ukoll l-fedina penali tal-akkuzat Joseph Camilleri kif ukoll li fid-dati involuti setghet tigi imposta piena ta' prigunerija sospiza skond l-artikolu 28A et seq tal-Kodici Kriminali, l-istess Qorti tikundanna l-istess akkuzat ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija sospiza ghall-perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor suggett ghal prigunerija fi zmien tlett (3) snin mil-llum, kif ukoll ghal hlas ta' elfejn (2000) ewro bhala multa.

In oltre tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-istess droga kif ukoll il-konfiska tal-oggetti kollha elevati u esebiti f'dawn l-atti.  Fl-ahhar nett il-Qorti tordna li dan l-akkuzat ihallas lir-Registratur tal-Qrati l-ispejjez kollha inkonessjoni man-nomina u konferma tal-esperti waqt dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------